## Skeda 9

Biex taslu għal intimità sesswali vera u sabiħa jeħtieġ li bħala koppja tikbru fid-diversi livelli ta' intimità.

Irrispondi waħdek għal din il-mistoqsija:

Fuq liema tip ta' intimità tħoss li għandek taħdem l-iktar mal-partner tiegħek?

Immarka bin-numri minn 1 sa 5. In-numru 1 juri l-iktar livell importanti waqt li n-numru 5 l-inqas importanti. Imbagħad, qabbel l-eżerċizzju tiegħek u ddiskutih mal-partner.

| Livelli ta' intimità | |
|---|---|
| **Intimità intellettwali**<br>Il-qsim ta' ħsibijiet, pjanijiet, twemmin importanti ma' persuna sinifikattiva. | |
| **Intimità emozzjonali**<br>Il-qsim ta' sentimenti u emozzjonijiet, kemm negattivi kif ukoll pożittivi, ma' persuna importanti. | |
| **Intimità spiritwali**<br>Il-qsim ta' sentimenti, xewqat dwar il-valuri, jiġifieri dwar is-sens tal-ħajja, ta' dak li hu l-iktar importanti, tax-xogħol, tat-tbatija, tas-suċċess, tal-mewt, Alla, il-fidi. | |
| **Intimità soċjali**<br>Il-kapaċità li taħdem mal-ieħor/mal-oħra, u li tgħix esperjenzi flimkien mal-ieħor/mal-oħra. | |
| **Intimità fiżika**<br>Kuntatt fiżiku ma' persuna importanti biex turi affettività, bħal żegħil, tislima b'bewsa, tgħanniqa, taptipa fuq l-ispallejn u mess ieħor li mhux direttament sesswali. | |